*Diskors tas-Sur Nathaniel Grasso, fl-okkazjoni tal-Laqgha Generali 2004, tal-Fondazzjoni ghall-Accessibilita' fl-Informatika (FITA)*

Eċċelenza President Dr.Eddie Fenech Adami, Sur Grima u Sinjuri. Ippermettuli naqsam magħkom dawn l-esperjenzi tiegħi li ksibt permezz tal-kompjuter fosthom dawk bl-għajnuna tal-*FITA*.

Bdejt nuża l-kompjuter mir-raba' sena skolastika primarja ġewwa *St.Francis School* fl-Imsida fl-eta' ta' 7 snin. Fl-iskola Sekondarja *St.Michael* f'Ħal-Qormi tgħallimt l-użu ta' l-*Office '98.* Kien fis-sena 2003 meta s-Sur Stanley Debono mill-*FITA* avviċinani permezz tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabbilita' u qalli bl-opportunita' sabiex nattendi għall-kors ta' 15-il siegħa *Introduction to Office Computer Practice* li sar ġewwa l-*MCAST* ta' Raħal Ġdid f'Mejju tas-sena 2003. Il-kors kien jittratta dwar il-*Microsoft Windows, environmet and basic skills, MS Office applications, Internet* u l-uzu tal-posta elettronika (*e-mail).* Il-fatt li konna grupp żgħir kien ta' beneficcju ghalina ghax b'hekk stajna nifhmu iżjed dwar is-suġġett. F'Novembru ta' l-istess sena s-sur Stanley M. Debono reġa' avviċinani fejn infurmani li kien ser jiġi organizzat kors ieħor ta' l-informatika din id-darba dwar l-użu ta' l-*internet* bħala għodda ta' riċerka li sibtu tassew interessanti wkoll.

F'April ta' din is-sena permezz tal-*FITA* wkoll attendejt għall-kors ieħor ta' ntroduzzjoni bl-isem ta' *Front Page 2000.* Permezz ta' dan it-tagħlim, inħoss li l-kompjuter huwa mezz ta' mportanza kbira f'ħajti, nuża l-*Word* għax-xogħol ta' l-iskola, nittajpja l-ittri, użajt il-*Power Point* ukoll biex editjajt u sebbaħt il-*presentation* dwar *life skills* li qed jiġi użat fl-Isptar Monte Carmeli. Nagħmel ir-riċerka li jkolli bżonn minn fuq l-*internet,* nibgħat *e-mails u SMS's* lill-ħbieb u qraba, u nara il-*websites* rigward mużika, sports, suġġetti edukattivi, aħbarijiet, temp u temi reliġjużi.

Permezz ta' dawn il-korsijiet li torganizza l-*FITA*, apparti li dejjem nitgħallem iżjed dwar it-teknoloġija, nittama li nsib xogħol li jkun għal qalbi fejn inkun nista' naħdem bil-kompjuter.

Preżentament qed nuża s-servizz ta' l-Informazzjoni Teknoloġika offruta mill-*MCAST* fejn qed nattendi kors bl-isem ta' *VISUAL BASIC.NET* li jittratta dwar il-*programming* u l-iskola fejn nattendi *Giovanni Curmi Higher Secondary School* qed nitgħallem il-kors ta' l-*ECDL.* Dan ta' l-aħħar jgħini sabiex jekk Alla jrid inkun nista' nsib xogħol addatat ghalija f'xi uffiċċju. Jidhirli li l-*FITA* jekk ikollha biżżejjed ghajnuna tkun tista' torganizza aktar korsijiet speċifiċi għan-nies bi bżonnijiet speċjali biex b'hekk żgur ħadd ma jibqa' lura speċjalment f'dak li hu tagħlim tal-kompjuter.

Permezz tal-*FITA,* nies bi bżonnijiet speċjali, jkollhom l-għajnuna sabiex ikun jista' jsir titjib u tibdil ta' *policies* speċjalment fejn tidħol l-edukazzjoni ta' l-għarfien rigward l-aċċessibilita' fl-informatika. Filwaqt li nirringrazzjakom ta' l-attenzjoni, nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-Sur Stanley Debono u lit-tim tiegħu li dejjem għinuna mill-aħjar li setgħu biex dawn il-korsijiet jirnexxu u jkunu ta' benefiċċju għalina.

Grazzi mill-ġdid u nawgurawlkom s- saħħa u s-serata t-tajba.